# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 12**

**Avviz numru 906/01/SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, hames mija u zewg Liri Maltin (LM3,502.00,0) import ta' erbgha u tletin (34) kambjala migbuda mis-socjeta' Paola Motors Limited gia' Daewoo (Malta) Limited gia' Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fit-2 ta' Dicembru 1998, 2 ta' Jannar 1999, 2 ta' Frar 1999, 2 ta' Marzu 1999, 2 t'April 1999, 2 ta' Mejju 1999, 2 ta' Gunju 1999, 2 ta' Lulju 1999, 2 t'Awissu 1999, 2 ta' Settembru 1999, 2 t'Ottubru 1999, 2 ta' Novembru 1999, 2 ta' Dicembru**

**1999, 2 ta' Jannar 2000, 2 ta' Frar 2000, 2 ta' Marzu 2000, 2 t'April 2000, 2 ta' Mejju 2000, 2 ta' Gunju 2000, 2 ta' Lulju 2000, 2 t'Awissu 2000, 2 ta' Settembru 2000, 2 t'Ottubru 2000, 2 ta' Novembru 2000, 2 ta' Dicembru 2000, 2 ta' Jannar 2001, 2 ta' Frar 2001, 2 ta' Marzu 2001, 2 t'April 2001, 2 ta' Mejju 2001, 2 ta' Gunju 2001, 2 ta' Lulju 2001, 2 t'Awissu 2001 u 2 ta' Settembru 2001 rispettivament (Dok. "A1 sa A 34") flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2001 (Dok. "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fil-25 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**